



Brussell, 10 ta' Diċembru 2022

CM 5805/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0371(COD)

CODEC
ECOFIN
RELEX
NIS
FIN
COEST
PROCED

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt:	Laurent.Laboure@consilium.europa.eu codecision.adoption@consilium.europa.eu
Tel./Fax:	+32.2.281.7400
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) Eżitu tal-proċedura bil-miktub li bdiet permezz ta' CM 5802/22: – Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill – Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

Id-delegazzjonijiet huma infurmati li l-proċedura bil-miktub, miftuħa bid-dokument CM 5802/22 tad-9 ta' Diċembru 2022 u estiża bid-dokument CM 5802/1/22 REV1 tal-10 ta' Diċembru 2022 tlestiet fl-10 ta' Diċembru 2022 fis-13:55.

Id-delegazzjonijiet kollha vvutaw favur, ħlief l-Ungerija li vvutat kontra l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) kif tinsab fid-dokument ST 15727/22 u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, kif tinsab fid-dokument ST 15727/22 ADD1 REV1.

Id-delegazzjonijiet kollha vvutaw favur id-deroga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.

Il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa ntlaħqet. Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ta' hawn fuq u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill ġew adottati.

Il-Kunsill qabel li jidderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.
